MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 149/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited ( C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Scicluna abbazi tal-polza t assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Victor Scicluna (ID 110146M)**

**Vs**

**Robert Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Jannar 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba mija u wiehed u sittin lira erbgha u tletin centezmu (Lm761.34) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident stradali li sehh fil-21 ta Mejju 2004 gewwa l-Hamrun bejn il-vettura numru DBE 961 proprjeta ta l-attur u dik misjuqa mill-konvenut numru

BBH 860 ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcali datata 9 ta Dicembru 2004 u ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz lis-socjeta GasanMamo Insurance Limited u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta l-imsemmija ittra ufficcjali tad-9 ta Dicembru 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 1 ta Frar 2005 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni stante li jallega li l-istess gara minnhabba tortijiet imputabbli lis-sewwieq tal-vettura tal-attur certu James Scicluna. B'riserva ghall-eccezzjoniiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi skond ix-xhieda moghtija minn James Scicluna li kien qed isuq il-vettura proprjeta tal-attur, l-incident in kwisjtoni sehh meta huwa kien qed isuq fi Blata l-Bajda gej mill-ADT ghal barra fi triq li tigi parallel ma national road. Kien miexi bil-mod fuq ix-xellug bl-intenzjoni li johrog ghal fuq National road. F'hin minnhom jara l-vettura tal-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta li hu u hiereg mil-liwja qatgha t-trieq gie fuq in-naha tal-vettura tal-attur fuq ix-xellug tieghu u sehh l-impatt bejn in-naha tax-xellug ta quddiem tal-vettura tal-attur u in-naha tal-lemin ta quddiem tal-vettura tal-konvenut. Fil-fatt l-iskizz li jinsab esebit a fol 22 tal-process imhejji mill-istess xhud u r-ritratti a fol 19, 20 u 21 tal-process jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. L-istess xhud ma jaqbilx mal-iskizz tal-warden a fol 18 peress li skond hu kemm il-linja tas-swar u kif ukoll ic-centre strip ma humiex konfigurati tajjeb. Fil-fatt min hu midhla ta dawk l-inhawi ghandu jinnota li l-konfigurazzjoni tat-trieq fl-iskizz a fol 22 tal-process hija tassew aktar korretta. Il-verzjonijiet tas-sewwieqa moghtija lil warden huma skarsi hafna u ftit li xejn jaghtu dawl fuq kif verament sehh l-incident u ghalhekk l-unika verzjoni li ghandu ghad-disposizzjoni tieghu dan it-Tribunal huwa dak moghti mix-xhud James Scicluna u dana anke peress

illi l-konvenut ghalkemm inghata diversi opportunitajiet biex jitla jixhed baqa qatt ma deher filwaqt li z-zewg wardens li xehdu mill-memorja kienu skarsi daqs ir-rapport li ghamlu.

Illi ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni pero fi kwalunkwe kaz dawn jidhru ampjament ipprovati tramite d-dokumenti esebiti a fol 23 et seq tal-process.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Robert Zammit kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kwindi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati minnu, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta seba mija u wiehed u sittin lira erbgha u tletin centezmu (Lm761.34) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali tad-9 ta Dicembru 2004 bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess Konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------